# L-Ewwel Karmelitani fl-Imdina.
## (It-tielet parti)



Mario Fenech

Fl-artiklu tas-sena li għaddiet kont tajt ħarsa mill-qrib lejn il-proġett tal-bini tal-Knisja tal-Lunzjata fl-Mdina. Rajna kif il-bini kien wasal biex tibda timbena l-koppla, jingħalaq is-saqaf u jimbena l-kampnar.

Matul dan iż-żmien ta' dan il-bini, l-Patrijiet Karmelitani komplew bil-ħidma Pastorali tagħhom fost in-nies mhux biss tal-Mdina, iżda wkoll man-nies ta' barra mis-swar ta' din il-belt antika.

Nafu li fis-sena 1670 il-Patrijiet Karmelitani għamlu festa kbira f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu. Sena wara ġiet mibnija s-sagristija wara li kien ġie mwaqqa xi bini li kien hemm qabel. Biex seta' jsir dan ix-xogħol kienet ġiet ukoll imwaqqa' parti mill-kunvent. Flimkien mas-sagristija ġie mibni wkoll l-Oratorju tal-membri tal-Konfraternita' tal-Karmelitani.

Sat-23 ta' Ġunju 1674 il-koppla kienet lesta, b'hekk is-saqaf tal-knisja kien lest. Il-patrijiet malajr ħadu ħsieb li jaraw li l-artal maġġur tal-knisja jkun armat b'dak kollu li jkun meħtieġ għall-quddies, kif ukoll ordnaw konfessinarju biex ikun jista' jsir il-qrar. Tlestiet il-gallarija tal-orgni, b'hekk il-funzjonijiet bdew isiru b'mod regolari.

L-ewwel festa li saret fil-knisja kienet tal-Madonna magħrufa bħala tar-Rokka. Skond ir-reġistri tal-knisja għal din il-festa kien inġieb xi damask minn knisja oħra. L-interess tan-nies f'din il-knisja kien wieħed kbir u f'qasir żmien kienu tlestew l-oqbra fil-kannierja tal-knisja. Sar il-fonti tal-ilma mbierek u tlestew tlett konfessinarji.

Fis-sena 1676 mbeda x-xogħol biex isir il-pulptu li nħadem fuq id-disinn tal-magħruf Lorenzo Gafa'. Din is-sena kienet waħda mportanti għall-Patrijiet Karmelitani għaliex matulha saret għall-ewwel darba l-festa tal-Lunzjata. Kienet saret bil-kbir, tant li kienu ħasbu biex iġibu t-tappezzerija tal-knisja ta' Bormla kif ukoll xi apparat ieħor mingħand il-fratellanza tas-S.S.M.U. Sagrament tal-Belt.

Sena wara fl'1677 tpoġġa f'postu l-kwadru titulari tal-Lunzjata xogħol tal-artist Stefano Erardi. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar nies bdew jersqu lejn il-knisja u lejn il-Patrijiet Karmelitani li minn dejjem kienu jkunu lesti biex joffru dak kollu li spiritwalment kien meħtieġ minnhom. Dan il-kuntatt kontinwu man-nies kien iwassal biex saru ħafna Opri Sagri sbieħ li komplew isebbħu din il-knisja.

Il-kult lejn il-Madonna tal-Karmnu kompla jinfirex ferm 'il bogħod mis-swar tal-Belt antika biex illum niltaqgħu ma' dan il-kult tista' tgħid f'kull belt u raħal ta' Malta u Għawdex.

IL-FESTA T-TAJBA LILL KULĦADD